

- il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas tad-danni għall-ħsara subita minħabba t-telf tal-kapaċità ta' xiri, peress li għet valutat *ex aequo et bono* u proviżorjament, għal 1,5 % tar-remunerazzjoni mensili ta' kull rikorrent;
- tikkundanna lill-BEI għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fl-1 ta' Awwissu 2012 — ZZ vs Il-Kunsill

(Kawża F-84/12)

(2012/C 295/62)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: M. Velardo, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Suġġett

Annulament tad-deċiżjoni li tirrifjuta lir-rikorrent l-aċċess dirett għar-rapport finali tal-konklużjonijiet tal-Kummissjoni ta' invalidità u l-aċċess għad-dijanjożi tat-tielet tabib ta' din il-Kummissjoni.

Talbiet tar-rikorrent

- janunulla d-deċiżjoni, tas-17 ta' Ottubru 2011, li ċċaħħad lir-rikorrent minn aċċess dirett għar-rapport finali tal-konklużjonijiet tal-Kummissjoni ta' invalidità kif ukoll li jkollu aċċess għad-dijanjożi tat-tielet tabib;
- jannulla d-deċiżjoni tal-AIPN, tal-24 ta' Marzu 2012, li tikkostitwixxi risposta għall-ilment imressaq skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal;

- jikkundanna lill-Kunsill iħallas id-danni u l-interessi moratorji u kumpensatorji bir-rata ta' 6,75 % għad-danni morali u materjali subiti;
- jikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Awwissu 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-85/12)

(2012/C 295/63)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: ZZ (rappreżentanti: D. Abreu Caldas, A. Coolen, J.-N. Louis, E. Marchal u S. Orlandi, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

L-annulament tad-deċiżjoni li jsir il-kalkolu tal-bonus tad-drittijiet għall-pensjoni miksub qabel id-dħul fis-servizz abbażi ta' dispożizzjonijiet ġenerali ġodda tad-DGE.

Talbiet tar-rikorrenti

- jannulla d-deċiżjoni tas-27 ta' Jannar 2012 li talloka bonus tad-drittijiet għall-pensjoni miksub mir-rikorrenti qabel id-dħul fis-servizz tiegħu fil-Kummissjoni skont l-Artikolu 11(2), tal-Anness VIII tal-Istatut;
- sa fejn hemm bżonn, jannulla d-deċiżjoni li tiċħad l-ilment tiegħu tat-2 ta' Mejju 2012 kontra d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-bonus tad-drittijiet tiegħu għall-pensjoni miksub qabel id-dħul fis-servizz tiegħu fl-iskema tal-pensjoni tal-Unjoni;
- jikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.